

Utenti ta' kimiċi: agħmel ċert li l-fornituri tiegħek jirreġistraw is-sustanzi tiegħek fil-ħin

L-użu sigur tal-kimiċi fuq il-post tax-xogħol tiegħek huwa bbażat fuq il-parir li jagħtuk il-fornituri tiegħek. Kun żgur li s-sustanzi li huma kritiċi għan-negozju tiegħek jiġu rreġistrati sal-iskadenza tal-31 ta' Mejju 2018 u li l-użi tiegħek ikunu koperti.

Helsinki, 13 ta' Ġunju 2016 – L-ECHA tħeġġeġ lill-industrija biex tiċċekkja jekk is-sustanzi ta' volum baxx li huma kritiċi għall-produzzjoni tagħhom jiġux irreġistrati mill-manifatturi jew mill-importaturi sal-iskadenza finali għar-reġistrazzjoni ta' REACH fil-31 ta' Mejju 2018.

Geert Dancet, id-Direttur Eżekuttiv tal-ECHA jikkummenta: *"L-utenti downstream tal-kimiċi għandhom rwol essenzjali skont REACH u jenħtieġ li jitolbu assigurazzjoni mingħand il-fornituri tagħhom li s-sustanzi kollha meħtieġa jiġu rreġistrati fil-ħin. Dan jgħin biex jiġu evitati interruzzjonijiet fil-provvista".*

Skont REACH, l-utenti downstream għandhom id-dritt li jagħmlu l-użu speċifiku tagħhom magħruf lill-fornitur tagħhom. *"Meta r-reġistranti jibbażaw il-valutazzjoni tagħhom fuq informazzjoni tal-użu minn utenti downstream, dan jgħin biex jiġi żgurat li l-parir li jirċievu l-utenti downstream ikun applikabbli b'mod dirett u li l-iskedi ta' data ta' sigurtà u x-xenarji ta' esponiment ta' użi differenti qed isiru iktar faċli biex jinqraw u jiġu implimentati"* żied Geert Dancet.

L-informazzjoni għar-reġistranti tgħaddi bl-iktar mod effiċjenti permezz tal-organizzazzjonijiet tas-settur, li ħafna minnhom qed jiżviluppaw mapep tal-użu li jiddeskrivu l-użi tipiċi tas-settur tagħhom. Il-mapep tal-użu jiddeskrivu użi speċifiċi u kundizzjonijiet tal-użu f'mudelli armonizzati li jkun sar qbil dwarhom fost il-partijiet ikkonċernati tal-industrija. Jekk inti utent downstream, ikkuntattja lill-organizzazzjoni tas-settur tiegħek biex issir taf jekk hux qed jippreparaw mappa tal-użu tas-settur li tkopri l-użi tiegħek. Jekk għandek bżonn tikkomunika kwalunkwe applikazzjoni li qatt ma saret bħalha direttament lir-reġistranti, tista' wkoll tuża dawn il-mudelli. L-organizzazzjonijiet tas-settur li għadhom mhumiex involuti jistgħu jikkuntattjaw lill-ECHA għal iktar informazzjoni.

Sfond

L-aħħar skadenza tar-reġistrazzjoni ta' REACH tal-31 ta' Mejju 2018 tikkonċerna sustanzi li huma mmanifatturati jew importati f'volumi baxxi, bejn 1-100 tonnellata fis-sena. Il-manifatturi u l-importaturi diġà bdew il-preparamenti għar-reġistrazzjoni tagħhom.

L-assoċjazzjonijiet tal-industrija tal-utenti downstream qed jiġġeneraw "mapep tal-użu" li jiddeskrivu l-użi tipiċi kif ukoll il-kundizzjonijiet tal-użu f'settur billi jimlew mudell maqbul. Dawn se jkunu disponibbli fuq is-sit web tal-ECHA. Dan jarmonizza l-fluss tal-informazzjoni għar-reġistranti u jipprovdiha b'mod effiċjenti fuq bażi tas-settur kollu.

Il-paġni web tal-utenti downstream tal-ECHA jipprovdu appoġġ wiesa' għall-utenti tal-kimiċi, b'ħafna minnhom ikunu fi 23 lingwa. Il-paġni web ta' REACH 2018 tal-Aġenzija jservu bħala punt ta' kuntatt waħdieni, li jgħinu lill-kumpaniji jirreġistraw, u l-informazzjoni dwar is-sustanzi kollha rreġistrati diġà hija disponibbli fil-bażi ta' data tal-kimiċi.

Aktar informazzjoni

Paġni web għall-utent downstream

<http://echa.europa.eu/downstream-users>

REACH 2018 u utenti downstream

<http://echa.europa.eu/regulations/reach/downstream-users/other-issues-affecting-downstream-users/registration-and-downstream-users>

Uża l-mapep

<http://echa.europa.eu/csr-es-roadmap/use-maps>

Intejbu l-komunikazzjoni dwar l-użu sikur tal-infografika tal-kimiċi: mapep tal-użu u skedi ta' data ta' sigurtà estiżi

http://echa.europa.eu/documents/10162/15669641/safe_use_chemicals_en.pdf

Nibdew bil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi

<http://echa.europa.eu/support/getting-started>

Paġna tal-SME

<http://echa.europa.eu/sme>

Webinar għall-utenti tal-kimiċi 15 ta' Ġunju 2016

http://echa.europa.eu/view-webinar/-/journal_content/56_INSTANCE_DdN5/title/use-maps-how-downstream-users-and-registrants-can-benefit

Utenti downstream fuq LinkedIn

<https://www.linkedin.com/company/users-of-chemicals>

Materjal ta' sfond għall-mezzi tax-xandir

<http://echa.europa.eu/press/press-material/>

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) hija Aġenzija tal-Unjoni Ewropea li timplimenta r-regolamenti dwar is-sustanzi kimiċi tal-UE. L-ECHA qiegħda taħdem għall-użu mingħajr periklu tas-sustanzi kimiċi, ittejjeb il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ħarsien tal-ambjent, filwaqt li ssaħħaħ il-kompetittività tal-Industrija Ewropea. <http://echa.europa.eu/>